**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**

**Vs**

**George Falzon**

Illum 15 ta' Marzu 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **George Falzon**, ta' 62 sena, iben Anthony Falzon u Carmen Falzon nee' Abela, imwieled Pieta', fis-6 ta' Jannar 1951, residenti Flt 3 Triq id-Deheb Fin, Blokk Y2 Qormi, detentur ta' karta tal-identita' 113451(M) talli:

Nhar it-18 ta' Mejju 2011 u fil-jiem ta' qabel minn go Triq il-Belt Valletta, Qormi kkommetta serq ta' karru ta' dghajsa, liema serq huwa kkwalifkat bil-valur li jeccedi aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centenzmu (€232.94), ghad-detriment ta' Joseph Eugene Micallef.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat jinsab addebitat bir-reat ta' serq ta' karru ta' dghajsa liema serq huwa kkwalifikat bil-valur.

Illi mill-*current incident report*[1] u mix-xhieda ta' PS 487 Reuben Balzan[2] jirrizulta li dan il-kaz beda wara li Joseph Eugene Micallef mar jirrapporta l-Ghassa ta' Hal Qormi fit-18 ta' Mejju 2011 li t-Tnejn 16 ta' Mejju 2011 fit-3.30 p.m huwa kien halla pparkjat il-karru tad-dghajsa fi Triq il-Belt Valletta, Qormi u x'hin dakinhar tar-rapport mar lura fit-8.30p.m. sab li xi hadd mhux maghruf kien seraqlu l-karru. Id-dghajsa li kienet fuq il-karru sabha fuq genb bil-konsegwenza li garbet hsara fuq in-naha tax-xellug taghha. Huwa qal lill-pulizija li l-karru kien jiswa madwar €1,800. Il-kwerelant qalilhom ukoll li kellu CCTV u ra li min seraq il-karru serqu fis-7.16p.m. Sussegwentement fl-24 ta' Mejju 2011 Joseph Eugene Micallef mar l-Ghassa u nfurmahom li l-karru tieghu nstab gewwa bitha sitwata fi Triq il-Kbira. Il-pulizija marru fuq il-post u sabu li kien hemm karru tal-lewn kannella wara kancell tal-hadid. Din il-bitha kienet ta' proprjeta' ta' Reuben Farrugia li meta mitkellem mill-Pulizija stqarr li ma kien jaf xejn izda li kellu xi haddiema li kellhom access ghall-bitha billi kellhom ic-cavetta. Huwa cempel lill-imputat li mar fuq il-post u tkellem mill-pulizija. Aktar tard il-kwerelant stqarr mal-pulizija li huwa kellu wkoll f'idejh ritratti ta' meta nsteraq il-karru fejn fihom dehret vettura tal-ghamla Kia Avella tal-ghamla silver fil-gold fejn irrizulta li l-imputat gie fuq il-post b'vettura tal-istess ghamla.

Sam Charles Aquilina[3] xehed li waqt li kien ghaddej bi trakk mir-roundabout tal-Marsa madwar erba' snin qabel huwa lemah il-karra ta' persuna li joqghod faccata tieghu u qallek cempillu biex jinfurmah b'dan. Huwa gharaf il-karru billi kien ghamel zmien quddiem il-garaxx tieghu, faccata tieghu. Sidu kien itella' d-dghajsa.

Joseph Eugene Micallef[4] ikkonferma li kien mar jirrapporta l-Ghassa ta' Hal Qormi. Huwa spjega li kellu dghajsa fuq il-karru li kienet qeghda go fetha fejn ic-cimiterju f'Hal Qormi. Filghodu kien ra hemm u filghaxija x'hin wasal ra d-dghajsa mitfugha mal-art. Mar jittawwal u sabha bla karru. Wara xi granet wiehed joqghod faccata tieghu Sammy qallu li ra l-karru f'bitha u meta mar jivverifika gharaf li l-karru kien tieghu. Huwa kkonferma li l-karru hadu lura. Dan il-karru kien ilu ghandu madwar tmienja/disa' snin.In kontro-ezami huwa qal li l-karru hallih f'fetha fejn ic-cimiterju fejn il-grawnd tal-futbol. F'din il-fetha jpoggu l-karrijiet tal-containers u halla l-karru bid-dghajsa fuqu.Huwa jichad li din iz-zona hija wahda abbandunata izda jhallu l-karrijiet tal-containers. Jikkonferma li fiz-zona hemm l-iskips ukoll. Bhala kundizzjoni tad-dghajsa x-xhud qal li kien qieghed idurha. Din iz-zona hija vicin fejn ir-residenza tieghu. Id-dghajsa ma kellhiex number plate biss pero' x-xhud kompla li d-dghajsa kienet mghottija b'cover.

---

[1] Dok RB a fol 21 tal-process
[2] Seduta tas-16 ta' Ottubru 2014
[3] Seduta tal-5 ta' Ottubru 2015
[4] Seduta tal-5 ta' Ottubru 2015

L-Ispettur Jurgen Vella[5] xehed dak iz-zmien li sar ir-rappport tas-serq tal-karru huwa kien Surgent fl-Ghassa ta' Hal Qormi. Huwa kien mar flimkien ma' Joseph Eugene Micallef meta kien irrapporta li l-karru kien f'bitha fi Triq il-Kbira, Hal Qormi. Mistoqsi in kontro-ezami dwar iz-zona fejn thalla l-karru, huwa ma qabilx li hemm zona fejn jithallew affarijiet ghar-rimi u anke skips. Huwa ma jafx b'xi post fejn jithalla imbarazz ghar-rimi ghalkemm jithallew barra vetturi llegalment. Huwa jaf ukoll li hemm zona fejn il-grawnd li hemm numru ta' skips.

L-imputat fl-istqarrija tieghu qal li l-karru inkwistjoni kien ilu gol-Wied, kien imkisser, kollu sadid, it-tyres imnizzlin, id-dghajsa mifqugha bl-ilma u mkissra wkoll. Billi huwa ra li kien ilhom zmien hemmhekk, li kienu abbandunati nehha d-dghajsa minn fuq il-karru u ha l-karru biex ifassal iehor bhalu.

Illi minn dawn ir-rizultanzi processwali jirrizulta ghalhekk li l-imputat mhux qieghed jichad li fil-fatt ha l-karru izda huwa ssottometta li dan il-karru kien abbandunat u ghalhekk seta' jiehdu u ghaldaqstant l-elementi kollha rikjesti ghal sejbien ta' htija fuq serq ma jissussistux.

Illi kif inhu maghruf il-principju generali f'kaz ta' allegat serq huwa li sakemm mic-cirkostanzi jirrizulta manifestament li l-oggett inkwistjoni ma hux res nullius u lanqas res derelicta, hemm id-delitt ta' serq[6]. Jehtieg ghalhekk li ssir referenza ghal gurisprudenza nostrali dwar l-eccezzjoni sollevata mid-difiza.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Camilleri et**[7] inghad:

*"Dwar dan il-punt il-Professur Mamo jaghmel din l-osservazzjoni:*

*'But an article that has no owner may come to be intentionally abandoned by him and of such derelict articles there can be no theft. Thus wrecks which have been abandoned without any intention of salvage or recovery are incapable of being stolen. A sound rule seems to be that laid down by an English Court in 'Rex versus White' to the following effect: ' If there is any ground for supposing that the accused may have believed the articles found to have been abandoned by its owner, the jury must be carefully directed with regard to the matter, since, if the jury find that belief as a fact, the accused is not guilty.'*[8]

[5] Seduta tat-28 ta' April 2016
[6] Il-Pulizija vs Edgar Attard Apell Kriminali deciza fil-25 ta' Mejju 1999
[7] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fit-13 ta' Mejju 2009
[8] Mamo Anthony Professur: Notes on Criminal Law Part II page 276

*27. Min-naha l-ohra f'edizzjoni aktar ricenti tal-Archbold minn dik li minnha kien qed ikkwota l-Professur Mamo hemm dan li gej:*

*In 'Williams versus Phillips', dustmen employed by a corporation were convicted by justices of stealing goods from dustbins collecred in the course of their duties. It was held that refuse put in a bin was not abandoned; it was the hosueholder's property until it was taken away, when it became the corporation's property.'[9]"*

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs George Ebejer**[10] intqal:

*" Hu principju minn zmien adottat fil-gurisprudenza maltija, illi min japproprija ruhu minn oggett li jkun sab f'cirkustanzi tali li juru li dak l-oggetti ghandu sidu u ma giex abbandunat, li ma hux, cjoe' la "res nullius" u lanqas "res derelicta", jikkommetti serq ta' dak l-oggett.*

*Dan ir-reat ma jikkostitwix il-kontravenzjoni ta' min isib hwejjeg li jkunu naqsu lil xi persuna, jew li din tkun tilfet u ma jgharrafx bihom fi zmien tliet ijiem lill-Pulizija Ezekuttiva; imma hu reat ta' serq.*

*Imma ghall-integrazzjoni ta' dan ir-reat mhux bizzejjed l-element tan-nuqqas tal-konsenja tal-haga misjuba lill-Pulizija fiz-zmien preskritt mill-ligi, "stealing by finding" imma jehtieg ukoll li mic-cirkustanzi tirrizulta l-intenzjoni tal-approprijazzjoni.*"

Fis-sentenza fl-ismijiet **Pulizija vs John Zammit et**[11] gie ritenut:

*"Minn naha tal-imputati pero' id-Difiza tghid li ma hemmx l-elementi kostituttivi ta' dan d-delitt ta' serq, ghaliex huma ma kienux serqu dawk l-oggetti ta' sid injot, izda kienu biss sabuhom wara li gew abbandunati u ma gewx mitluba jew rikjamati minn xi hadd.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza ndikata mill-Prosekuzzjoni u cioe **Il-Pulizija v Patrick Xuereb u John Mary Galea moghtija nhar l-hdax ta' Lulju 1995** kif wkoll ghal sentenza ohra moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghxorin ta' Settembru 1996 fl-ismijiet Il-Pulizija v Alfred Camilleri** fejn gie ritenut li:*

---

[9] Archbold: edition 2003 page 1825 41 Cr.App.R.5, DC
[10] 18 ta' Novembru 2001
[11] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fit-28 ta' Lulju 2004

*"Hu pacifiku fil-gurisprudenza taghna li minn isib oggett f'post pubbliku f'cirkostanzi li wiehed jista jifhem li ma kienux mitlufa, abbandunati jew li ma kienu ta' hadd u jippriva ruhu minnhom, dak li jkun, qed jikkommetti serq."*

***Il-Professur Mamo** fin-**Noti tieghu fil-ktieb Criminal Notes**, jghid:*

*" Though there may be a theft only where a thing at the time of being stolen, belonged to some other person, yet it is not necessary that this person should be a full owner, he me be a person having possession or control of the thing. It is not necessary that the owner be known or discoverable… it is sufficient for the crime that the person taking the object away, had not right thereto. In fact it is not necessary that the person taking the object away had no right thereto. In fact it is not necessary that the person from whom the thing is taken, shall have been the owner thereof in the full sense of civil law."*

*Mill-banda l-ohra, kif sostniet id-Difiza, jekk persuna genwinament temmen li l-oggett li qed tiehu pussess tieghu kien gie abbandunat minn sidu, jew li hu res nullius, allura, jigi nieqes l-element formali tar-reat ta' serq. [vide **Il-Pulizija v Dennis Sghendo et deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sitta ta' Jannar 2000** kif indikata mid-Difiza stess]*

***Sir Anthony Mamo** dwar dan jghid:*

*"Any honest mistake will negative this ingredient [that the contrectatio must be fraudulent] as where the taker believes the thing to have been abandoned or that it is his own."*

*Naturalment sabiex qorti tasal ghal konkluzzjoni li tali zball kien wiehed genwin, trid tkun wkoll sodisfatta li dak l-izball kien wiehed ragjonevoli fl-isfond tac-cirkostanzi kollha tal-kaz."*

Fl-ahharnett referenza ssir ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Danrof Vella**[12]

*"….il-gurista Antolisei jghallem li:*

*Le cose che erano gia` di proprjeta di taluno divengono nullius quando siano abbandonate (res derelictae) e cioe' quando il proprietario se ne spoglia con l'intenzione di rinunciare al proprio dominio. Tali sono ad ezempio le cose gettate nella pattumeria e percio` chi se ne appropria non*

[12] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fit-18 ta' Mejju 2015

*commette furto. Con le cose abbandonate non vanno confuse le cose smarrite[13].*

*Illi fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Natalina Mifsud[14] il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kwotat gurisprudenza lokali u Taljana dwar dan il-punt u specifikat pero li non puo` parlarsi di res nullius sino a che il proprietario mantiene la sua cosa nella sfera patrimoniale e sotto la sua sorveglianza e tutela, nulla rilevando l'entita` maggiore o minore della cosa in relazione al patrimonio del dannegiato.*

*biex jissussisti reat ta' serq irid jigi pruvat l-element formali. Jekk persuna genwinament temmen li l-oggett li qed tiehu pussess tieghu kien gie abbandunat minn sidu, jew li hu res nullius, allura, jigi nieqes l-element formali tar-reat ta' serq. Fi kliem il-Professur Mamo*

*... the taking must be with the consciousness of abstracting or taking the property of others. Any honest mistake will negative this ingredient, as when the taker believes the thing to have been abandoned or that it is his own. It would appear that any such mistake*
*excludes theft even if it is incurred into through negligence. As Carrara says non puo concepirsi la figura giuridica di un furto colposo. ... The best evidence that there was no fraudulent intent is that the goods were taken quite openly. A surreptous taking, or a subsequent denial of the taking or a concealment of the goods suggests a fraudulent intent[15]."*

Illi ghalhekk biex il-Qorti tasal ghal konkluzzjoni li tali zball kien wiehed genwin, trid tkun wkoll sodisfatta li dak l-izball kien wiehed ragjonevoli fl-isfond tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Tenut kont tal-gurisprudenza surriferita u tal-insenjamenti appena riportati din il-Qorti tqis li mill-provi prodotti l-imputat ma jistax jitwemmen li ragjonevolment u fic-cirkostanzi seta' jikkonkludi li l-karru inkwistjoni kien mitluq, abbandunat u kwindi seta' jiehdu. Dan ghal diversi ragunijiet. Il-karru kien mghobbi bid-dghajsa u kien f'zona fejn jithallew karri wkoll tal-kontejners li ma rrizultax li kienu intizi ghar-rimi. Il-fatt li kien hemm skips ma jfissirx li allura l-karru kien ghar-rimi. Certament li zgur li ma kienx il-post idoneju biex karru jithalla ghar-rimi. Hekk kif ikkonfermat mill-Ispettur Jurgen Vella m'hemmx zona fl-akkwati li hija maghrufa li jithalla skart goff ghar-rimi. Dan apparti l-fatt li huwa llegali li jithalla skart bhal dan barra. Inoltre' Joseph Eugene Micallef xehed li d-dghajsa kienet mghottija b'cover.

---

[13] Ref Manuale di Diritto Penale Parte Speciale I pagna 278

[14] Deciza fit-23 ta' Marzu 2007

[15] Op Cit pagna 279

Tali asserzjoni ma gietx kontradetta jew kontrastata. Dan minnu nnifsu juri li ma jistax ikun li d-dghajsa u l-karru thallew fil-post ghar-rimi u kwindi l-imputat bl-ebda mod ma seta' jahseb li l-karru ma kien ta' hadd. Inoltre' lanqas ma hija kredibbli l-versjoni tal-imputat li ha l-karru biex ifassal iehor bhalu ghaliex li kieku l-imputat ried ifassal karru bhalu seta' gibed xi ritratti u ma kien hemm l-ebda bzonn li jiehdu.

Inkwantu ghall-kwalifika tal-valur, l-espert nominat mill-Qorti Joseph Zammit li ezamina l-karru snin wara li nsteraq ossia waqt il-proceduri f'mejju 2016 kkonkluda li l-valur tal-karru meta ezaminah huwa ta' €200. Mentri fil-kundizzjoni funzjonabbli li kellu fis-suq kellu valur ta' €2,100. Din il-Qorti tista' tikkonkludi li hames snin qabel l-ezami tal-karru kien fi stat ahjar u kwindi kellu valur aktar minn €200. Ghalhekk l-aggravju tal-valur huwa ppruvat ukoll.

Inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reat u l-fedina penali tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(c), 267 u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien sena.

Inoltre' bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' €281.78 rapprezentanti l-hlas tal-espert nominat.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi jekk jikkometti reat iehor waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza.

**Dr Josette Demicoli LL.D**
**Magistrat**